**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Dicembru, 2015**

**Talba Nru: 209/2015 DMA**

**GO plc**
**C 22334**

**Vs**

**Carmelo Micallef**
**(ID 248802L)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fit-18 ta' Marzu, 2015 fejn is-socjeta' attrici talbet illi l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici 's-somma ta' disa' mija u sittax –il ewro u tnejn u tmenin centezmu (€916.82) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40087326 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati:

- Dok IZY1 - prospett ghall-akkont relativ;

- Dok IZY2 – ftehim ghall-akkont relattiv;
- Dok IZY3 – estratt mir-Registru Eletorali ta’ Malta u
- Dok IZY4 – kopja ta’ ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenut gie interpellat sabiex thallas izda baqa’ inadempjanti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Il-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u lanqas ipprezenta risposta ghat-talba mitluba kontrih.

Dehret Dr Ingrid Zammit Young ghas-socjeta' attrici li ‘kkonfermat bil-gurament taghha li l-ammont ta’ disa’ mija u sittax –il ewro u tnejn u tmenin centezmu (€916.82) ghadu dovut.

It-Tribunal huwa sodisfatt illi l-ammont mitlub huwa dovut. Ghalhekk jilqa' it-talbiet attrici u jikkundanna lill- konvenut ihallas l-ammont ta’ disa’ mija u sittax –il ewro u tnejn u tmenin centezmu (€916.82) bl-imghax legali mid-data tal-prezentata, sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

**Avukat Dr. Deborah Mifsud Attard B.A. LL.d**

**Gudikatur**